# It-Teatrin Organizzat mill-Każin La Stella Levantina

Is-Sur Carmel Mallia

## Bidu tal-Każin

Il-Każin 'La Stella Levantina' beda jeżisti fl-1894 jiġifieri 115-il sena ilu u twaqqaf minn ftit irġiel.

Il-FUNDATURI kienu: Salvu Borg u ħuh Carmelo, Gianni Attard u ħuh Carmelo, Mastru Karm Debono u ħuh Ġużeppi.

Dawn kienu mħeġġin mill-Kappillan Dun Carmelo Azzopardi (1887-1903) li meta ra kemm in-nies tar-raħal kienu jħobbu lir-raħal u l-festa, ħass li kellu. jiġbor lil dawk l-irġiel f'għaqda waħda u ħajjarhom iwaqqfu każin biex jaħdmu flimkien għall-festa tar-raħal. Il-Kappillan offrielhom dar ħdejn il-Knisja n-naħa tal-kampnar. Din m'għadhiex teżisti għax twaqqgħet meta nfetħet Triq Tumas Dingli.

## L-Ewwel President

Il-każin twaqqaf u l-ewwel president kien Mastru Karm Debono. Din kienet għażla naturali għax Mastru Karm meta kienu qed isewwu l-ħsarat u jżejnu l-knisja kien minn ta' quddiem meta offra li jindura s-saqaf u l-prospettiva tal-Knisja. Għallem lill-Kappillan u żewġ aħwa Dun Nikol u Dun Karm Mifsud biex jgħinuh fl-induratura.

Sħabu raw il-ħeġġa li kellu u meta ġew biex jagħżlu president għażlu lilu u baqa' president għal 33 sena sakemm miet.

## It-Teatrin

Matul l-istorja tiegħu, il-Każin 'La Stella Levantina' kellu ħafna progetti li saru matul iż-żmien, fosthom kien hemm it-teatrin. Xi tlettax-il sena ilu konna ħriġna l-ktieb:

"ĠRAJJIET IL-KAŻIN LA STELLA LEVANTINA" Storja ta' mitt sena

F'dak il-ktieb kien hemm kapitlu sħiħ dwar it-teatrin. Ħaġa li kont ktibt dwarha kienet il-postijiet li fihom kien isir it-teatrin. Dawn kienu:

a) L-ewwel post kien il-FORN fi Triq S. Duminku. Is-suġġeritur kien Antonio Pisani.

b) It-tieni post kien ġo bitħa kbira tad-dar li tmiss mal-Knisja ta' S. Anna.

c) It-tielet post kien fi Triq il-Mitħna Sqaq numru 1. Kien fuq il-lemin tas-sqaq inti u dieħel. Dak il-post għandi ħjiel tiegħu għax il-ġenituri kienu ħaduni meta kont żgħir u jidhirli li l-isem tad-dramm kien 'Ġenoveffa'. Is-suġġeritur kien Antonio Pisani. Għalhekk wisq probabbli li kienu hu ukoll, fil-każ tat-tieni post.

d) Ir-raba' u l-aħħar post kien fuq il-bejt tal-każin fejn hu llum. Dan niftakru sewwa għax qabel il-gwerra (1940 – 1943) kull nhar ta' Sibt kien ikun hemm it-teatrin. Missieri Gianni kien idoqq il-mandolina mal-orkestra u jien kont immur ma' ommi.

Is-Serata kienet tkun maqsuma fi tlieta: L-ewwel kien ikun hemm id-dramm aktarx bi tliet atti, imbagħad kien ikun hemm xi kanzunetti u fl-aħħar kien hemm il-farsa li kulħadd kien ikun jistenniha. Is-suġġeritur kien Wiġi Azzopardi.

Dak iż-żmien il-kumpanija kien jisimha: "Kumpanija Filodrammatika La Stella Levantina". Imma meta ġiet il-gwerra, waqaf kollox!

Wara l-gwerra, saret proposta biex it-teatrin jerġa' jibda l-attivitajiet tiegħu.

Fl-1944 kienu saru xi rappreżentazzjonijiet fl-isptar Monte Carmeli. Is-suġġeritur din id-darba kien Ħredu Debono. Id-dħul ta' dawk ir-rappreżentazzjonijiet kien mar kollu għall-festa ta' Santa Marija li kienet fil-qrib.

Fl-1945 it-teatrin kompla u kienet saret xena ġdida mill-pittur Frank Borg. Imma s-sena ta' wara (1946) naqsu l-atturi u reġa' waqaf kollox.

Fl-1948 il-membri tal-Azzjoni Kattolika staqsew lill-kumitat tal-każin jekk riedux ibiegħulhom ix-xeni, il-kwinti u l-panneġġi. Il-kumitat aċċetta u l-Azzjoni Kattolika xtrathom għall-palk li kien hemm fl-istess post fejn kien il-każin l-ewwel darba.

## Tagħrif ġdid

Imma issa ejjew ngħaddu għal xi ħaġa li f'dak il-ktieb ta' tlettax-il sena ilu ma semmejtiex għax ma kontx naf biha.

'Xi snin ilu ġew f'idejja żewġ programmi tat-teatrin li kienu saru mill-Każin La Stella Levantina fl-1924. F'dak iż-żmien kont għadni ma twelidx. Imma ejja naraw x'kien fihom dawn il-programmi.

L-ewwelnett ta' min jinnota li l-kitba kienet bl-ortografija l-antika. Flok il-K kient tinkiteb C, eżempju 'cbira' flok l-il-J kienet tinkiteb IU eżempju 'congiura' flok il-W kienu jiktbu EU eżempju 'Matteu'.

L-isem tal-kumpanija kien: "Teatro La Stella Levantina". Isem kollu kemm hu bit-taljan għax dak iż-żmien il-Malti kien għadu meqjus bħala l-ilsien tal-kċina. Il-kbarat kienu jitkellmu bit-taljan, il-Qorti kienet tmexxi l-kawżi bit-taljan. Kull ċertifikat kien ikun bit-taljan u kellhom jgħaddu s-snin kbar biex il-Malti beda jissejjaħ; l-Ilsien nazzjonali. Imma nerġgħu għal dawk iż-żewġ programmi!

Programm minnhom (A) kien sar is-Sibt 28 ta' Ġunju 1924 fit-8.30 p.m. fi "Strada Molino" (Triq il-Mitħna). Il-programm kien maqsum fi tlieta:

L-Ewwel Parti kienet 'DOLORES' Melodramma b'żewġ atti ta' C. Huber.

L-Atturi kienu: G. Azzopardi, P. Mamo, G. Agius, O. Cumbo, F. Pace, A. Azzopardi, C. Pisani u G. Schembri.


Teatro La Stella Levantina
PRIVAT
STRADA MOLINO — H'ATTARD
Is-Sibt 28 ta Giunju 1924 fit-8.30 p. m.
IL CUMP. "LA STELLA LEVANTINA"
sejra tati :
L'EUUEL PARTI
DOLORES
Melodramma b'żeuġ atti ta C. HUBER.
— PERSUNAGGI —

| | |
|---|---|
| Luciano, ħu ... ... | G. Azzopardi |
| Marchis Eduardo, missier | P. Mamo |
| Riccardo, gharus ta ... | G. Agius |
| Dolores, oħt ... ... | O. Cumbo |
| Giuseppi, neputi ta ... | F. Pace |
| Clemente ... ... | A. Azzopardi |
| Luigi, ħabib ta Giuseppi | C. Pisani |
| Carlo, seftur ... ... | G. Schembri |

IT-TIENI PARTI
Luka liebes ta mara.
Cummidia b'att uieħed.
Jeħdu parti fiha: O. Cumbo, A. Azzopardi, F. Pace, C. Pisani, G. Azzopardi, P. Mamo u C. Schembri.
IT-TIELET PARTI
CUNCERT CANZONETTISTICU.
*Suggeritur A. PISANI.*
N. B. Fl'intervalli l'orchestra iddokk bcejjeċ sbieħ. tfal mal genituri biss.
Il Cump: ghanda l'unur tistiednee.
Stamperija "San Paolo", 53, Str. Sta Lucia — Il Belt.

It-Tieni Parti kienet "LUQA LIEBES TA' MARA" kummiedja f'att wieħed.

L-Atturi kienu O. Cumbo, A. Azzopardi, F. Pace, C. Pisani, G Azzopardi, P. Mamo u C. Schembri.

It-Tielet Parti kien kunċert ta' kanzunetti. Ħaġa li tolqtok f'dan il-programm kien l-avviż li t-tfal jidħlu biss jekk ikunu mal-ġenituri.

Erbgħa mill-atturi msemmija kont nafhom sewwa.

Pawlu Mamo konna ngħidulu 'l-Baruni'. Dan rajtu jirrerċta kemm-il darba fiż-żmien ta' qabel il-gwerra.

Oreste Cumbo dan kien jagħmel dejjem il-parti ta' mara. Dak iż-żmien (1924) in-nisa ma kienux jieħdu sehem fuq il-palk. Lil Oreste rajtu darba biss fuq il-palk fil-parti ta' Ġenoveffa li kienet saret proprju fi Triq il-Mitħna. Aktar tard kien baqa' jagħti sehmu fil-'make up' tal-atturi tal-każin. Xi drabi (qrib l-1953) kien jiġi jagħti daqqa t'id fil-'make up' f'xi 'concerts' tal-iskola li konna ntellgħu proprju fl-istess post li kien serva bħala l-ewwel dar tal-każin ħdejn il-kampnar.

Frans Pace kien id-Direttur tal-Kumpanija u komiku mill-aqwa, Kien dejjem jieħu sehem prinċipali fil-farsa. Lil dan rajtu jirreċta ħafna drabi fiż-żmien ta' qabel il-gwerra.

Carmelo Pisani kien iben is-suġġeritur Antonio Pisani. Lil dan ukoll rajtu jaħdem kemm-il darba fiż-żmien ta' qabel il-gwerra.

Hawn ta' min jgħid li issa n-nisa bdew jieħdu sehem fuq il-palk. Kienu tnejn, omm u bint, Ġulja u Tessie Cecy li kienu jiġu minn barra r-raħal.

Il-Programm l-ieħor (B) kien sar is-Sibt 2 ta' Awwissu 1924. Din id-darba l-ħin inbidel għax sar fit-8.00 p.m. X'aktarx li bdew nofs siegħa qabel għax kienet serata kbira.

F'dan il-programm taħt l-isem tal-Kumpanija kien hemm miktub dan il-vers: "sejra tagħti l-Għaxar Reċta Tagħha" jiġifieri qabel din kienu saru disa' reċti oħra. (inkluża "Ġenoveffa"). Min jaf meta bdew eżatt!

Bħal ta' qabel, il-programm kien maqsum fi tlett partijiet:

L-Ewwel Parti kien id-dramm MATTEW CALLUS li kien fih Prologu u ħames atti. Is-Suġġeritur kien Antonio Pisani

L-Atturi kienu: A. Schembri, O. Cumbo, U. Azzopardi, P. Mamo, P. Gauci, dan kien jagħmel ukoll il-parti ta' mara bħal Oreste Cumbo, G. Agius, C. Borg, C. Pisani, A. Azzopardi, G. Zarb, G. Schembri, G. Azzopardi, P. Debono, E. Zammit, u G. Gauci. Magħhom kien hemm numru ieħor ta' 'Suldati' u ta' 'Fratelli tal-Misericordia'.

Dawn il-'Fratelli' kienu nies professjonisti u xi saċerdoti li kienu jilbsu kunfartija bajda bil-

# Teatro La Stella Levantina

STRADA MOLINO — Ħ'ATTARD

Nhar is-Sibt 2 ta Awissu 1924 fit-8 p. m.

## Serata Ebira

IL CUMP. "LA STELLA LEVANTINA"

sejra tati l' Għaxar Recita Taħha

L'EWWEL PARTI

# Matteu Callus

Dramm fi prologu u 5 atti

— Taksim tad-Dramm —

Prologu. — Meut ta Patriotta.
L'Ewwell Att. — Ħabib veru.
It-Tieni Att. — Progett infernali. — Giustizzia tas Sema
It-Tielet Att. — Serka.
Ir Raba Att. — Congiura. — Arrest.
Il Ħames Att. — Trionf tirannicu. — Vendetta.

— Persunaggi tal Prologu —

| | | |
|---|---|---|
| Paulu Cassar, missier | ... | A. Schembri |
| Imperia | ... ... ... | O. Cumbo |
| Matteu Callus | ... ... | U. Azzopardi |
| Patri Giovanni | ... ... | P. Mamo |
| Baldesca | ... ... ... | P. Gauci |

— Persunaggi tad-Dramm —

| | | |
|---|---|---|
| Matteu Callus, żewġ | ... ... | U. Azzopardi |
| Imperia | ... ... ... | O. Cumbo |
| Ingaterra Ciantar | ħbieb ta Matteu | G. Agius |
| Tommeu Zarb | ħbieb ta Matteu | O. Borg |
| Artale Pellegrini | ħbieb ta Matteu | C. Pisani |
| Baldisca, seftura ta Imperia | | P. Gauci |
| Gio: Delicata | ... ... | A. Azzopardi |
| La Vallette... | ... ... | G. Zarb |
| Patri Gianni | ... ... | P. Mamo |
| De Vernon | Cavalieri ta l'Ordni | G. Schembri |
| Litta | Cavalieri ta l'Ordni | G. Agius |
| Gaspru Dallas, benestant | ... | G. Azzopardi |
| Margat, calzrier | ... ... | P. Debono |
| Ufficial | ... ... ... | E. Zammit |
| Paġġ | ... ... ... | G. Gauci |

Suldati. — Fratelli tal Misericordia.

IT-TIENI PARTI

## Grezz u Maisi f'Ħ-Attard

Duett eseguit minn O. Cumbo u F. Pace.

IT-TIELET PARTI

CUNCERT CANZONETTISTICU

*Suggeritur A. PISANI.*

**N.B. FTAĦRU LI SERATA.**

Tipografia "SAN PAOLO" 53, Str. Sta. Lucia.— Valletta.

barnuża b'mod li ma jingħarfux. Kienu joħorġu fit-toroq jiġbru għall-ikkundannati għall-mewt bit-tgħalliq. X'uħud minnhom kienu jassistu wkoll waqt l-esekuzzjoni tal-ikkundannat. Niftakar żewġ okkażjonijiet li fihom rajthom iduru fit-toroq ta' Ħ'Attard. Illum il-piena tal-mewt spiċċat u ma baqgħux joħorġu iżjed. Kienu jgħidulhom ukoll 'Ružarjanti'

It-Tieni Parti kien dwett bejn Oreste Cumbo u Frans Pace u kien jismu 'GREZZ U MAJSI F'Ħ'ATTARD'

It-Tielet Parti kienet tikkonsisti f'għadd ta' Kanzunetti.

Dawk iż-żminijiet dak kien l-uniku mod ta' divertiment fir-raħal tagħna. Kien divertiment nadif, wisq aktar nadif mid-divertiment tal-lum!